# MOZZJONI: Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – '*Carrying Capacity*'

**LIL:** Il-Kunsill Lokali tan-Nadur

**MINN:** Kevin Curmi

**SUĠĠETT:** Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp Carrying Capacity'għall-lokalità ta' Nadur

**Data:** 08/07/2025

Dan il-Kunsill ghandu jara li mill-aktar fis possibbli jsir studju dwar il-*carrying capacity* fil-lokalita sabiex minnu johrog dawn ir-rizultat hawn taħt imsemmija:

**Definizzjoni:**

"Studju dwar il-'*Carrying Capacity*'" huwa essenzjali għal kull lokalita' sabiex jevalwa u jiddetermina kemm il-lokalita' tiflaħ għal żvilupp, popolazzjoni jew attivitajiet oħra li ikunu jistghu jibqghu jsiru b'mod sostenibbli, mingħajr ma tagħmel ħsara lill-ambjent, l-infrastruttura jew il-kwalità tal-ħajja tar-residenti. L-istudju tal-carrying capacity jitkellem ukoll fuq il-massimu li raħal jew belt tista' tilħaq qabel ma tibda tiddeterjora u ssir insostenibbli.

**Għanijiet tal-Istudju:**

- Biex siru studji tal-'*Carrying capacity'* għal lokalità li permezz tiegħu jiġu żgurati l-investimenti infrastrutturali meħtieġa għal-lokalità għas-snin li ġejjin.
- Biex jiġu informati l-awtoritajiet tal-ippjanar u allura jiġu aġġornati l-*policies* neċessarji.
- Biex jiġi evitat żvilupp żejjed li jwassal għal degradazzjoni ambjentali;
- Biex jinkiseb bilanċ bejn tkabbir ekonomiku u sostenibbiltà ekoloġika u soċjali.

**Parametri Ewlenin li għandhom jiġu Analizzati:**

**Kapaċità Ambjentali – inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Provvista tal' ilma
- Maniggjar tal-iskart (eż. drenaġġ)
- Kwalità tal-arja
- Żoni ħodor u jew kosti li joffru kwalita' ta' ħajja aħjar lir-residenti

**Kapaċità ta' Infrastruttura - inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Toroq u traffiku
- Trasport pubbliku
- Provvista tal-elettriku
- Aċċess pedonali anke li jikkomodaw l-aċċess b'mod sostenibbli għad-djar residenzjali
- Aċċessibilta' għal persuni bi bżonnijiet partikolari

**Servizzi Soċjali - inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Kura tas-saħħa
- Edukazzjoni
- Servizzi ta' emerġenza u sigurtà

**Identita`- inkluz iżda mhux limitat għal:**

- Sports
- Kultura u Wirt Storiku
- Tradizzjonijiet

**Użu tal-Art u re-zoning;**

**Pjanijiet (inkluż iżda mhux limitat) għal sitwazzjonijiet ta' emergenza**

**Riżultati mistennija minn din il-mozzjoni:**

- Linji gwida jew regolamenti dwar densità tal-bini;
- Proposti għal titjib infrastrutturali;
- Żoni ta' konservazzjoni ambjentali;
- Limitu massimu ta' residenti jew turisti;
- Użi sostenibbli tal-art li taqa' taħt id-domiċilju tal-kunsill lokali.

**Fil-Prattika:**

Tali studji għandhom jsiru minn esperti fil-qasam, awtoritajiet governattivi li jgawdu r-rispett u stima soċjali, qabel ma jsiru proġetti ta' żvilupp kbar, ippjanar ta' bliet jew ippjanar tat-turiżmu, sabiex jiġi evitat tkabbir li mhux sostenibbli u tiġi żgurata l-kwalità tal-ħajja fit-tul.

**It-triq 'il Quddiem:**

Dawn l-istudji għandhom jiġu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali jew mill-Awtorita' tal-Ippjanar permezz ta' fondi nazzjonali u LI MA JITTIEĦDUX MILL-FONDI TAL-ISTESS KUNSILL LOKALI DIRETTAMENT/INDIRETTAMENT.

Ukoll, il-Kunsill Lokali tan-Nadur għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe responsabbiltà jew deċiżjoni relatata mat-twettiq ta' dan l-istudju.

Kevin Curmi

Proponent

Edward Said

Sekondant